IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 15.11.2011
KUMM(2011) 777 finali

VOL. 1/2

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2012**

**It-Twettiq tat-Tiġdid Ewropew**

## 1. INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea qiegħda tiffaċċja l-isfida ta' ġenerazzjoni. Sfida ekonomika, li taffettwa il-familji, in-negozji u l-komunitajiet madwar l-Ewropa. Iżda hija wkoll sfida politika biex jintwera li l-Unjoni Ewropea tista' tlaħħaq ma' dan il-kompitu. L-Unjoni Ewropea tista' u għandha tagħmel differenza reali ta' kif l-Ewropej jiffaċċjaw il-kriżi tal-lum.

Dan kien il-messaġġ tad-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2011[1]. Id-diskors u d-dibattitu fil-Parlament Ewropew ikkonfermaw kunsens wiesa': li l-prijorità prevalenti tal-UE għandha tkun li trawwem irkupru ekonomiku sostenibbli u rikk fl-impjiegi. Bir-restawr tat-tkabbir u tal-kunfidenza biss se niżviluppaw il-mudell soċjali uniku tal-UE. Sabiex nirnexxu, għandna bżonn sħubija attiva bejn l-Istituzzjonijiet tal-UE u l-livell nazzjonali, irridu naħdmu bħala Unjoni vera, u rridu naħdmu permezz tal-metodu Komunitarju fit-teħid tad-deċiżjonijiet bħala l-bażi ta' din l-Unjoni vera. Il-kriżi attwali reġgħet uriet li meta dawn il-kundizzjonijeit jintlaħqu, nistgħu nsibu d-determinazzjoni u l-adattabilità meħtieġa.

Il-Kummissjoni tirrispondi għal dawn l-imperattivi b'modi differenti. Ħafna mir-riżorsi tagħha huma impjegati b'mod determinat f'deċiżjonijiet implimentattivi li diġà ttieħdu –li jvarjaw minn kompiti li ilhom stabbiliti bħall-iżgurar li l-liġi tal-UE hija kollha kemm hi implimentata madwar l-UE, sal–amministrazzjoni tal-baġitt tal-UE, kemm direttament jew b'ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri, sa responsabbiltajiet ħafna aktar ġodda li jiġu direttament mit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-kriżi attwali. Ħafna drabi din l-aġenda ta' implimentazzjoni jkollha impatt dirett fuq it-tkabbir – jeżisti spazju ta' implimentazzjoni bejn l-Istati Membri għal inizjattivi leġislattivi importanti li huma essenzjali għall-funzjonament tas-Suq Uniku, imma li mhumiex diġà implimentati.

Reċentement il-Kummissjoni ressqet aġenda ġdida radikali li tkopri b'aktar reqqa s-sorveljanza fuq il-politiki ta' baġit u ta' ekonomija tal-Istati Membri, b'mod partikolari għall-Istati Membri taż-żona tal-Euro, ir-reviżjoni fundamentali tas-sorveljanza u tar-regolament finanzjarju, u azzjoni sabiex jiġi żgurat li l-politiki stutturali tal-UE jġibu benefiċċji immedjati. Il-pakkett adottat reċentement sabiex tiżdied il-governanza ekonomika (is-"six-pack") jirrappreżenta kompitu ewlieni ġdid għall-Kummissjoni.

Biex jirnexxu dawn il-politiki kollha ġodda jeħtieġ tibdil kbir fil-mod ta' kif il-Kummissjoni taħdem. Jeħtiġilha tirrialloka r-riżorsi u jeħtiġilha tibni sħubija ta' ħidma aktar fil-fond mal-Istati Membri. Il-ħolqien ta' Task Force tal-Kummissjoni sabiex tgħin lill-Greċja timplimenta l-programm UE/FMI tagħha u sabiex taċċellera l-infiq mill-Fondi Strutturali tal-UE, huwa eżempju wieħed tal-irwoli ġodda tal-Kummissjoni li jinbtu direttament mill-ġestjoni tal-kriżi.

Fit-tfassil ta' dan il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2012, il-Kummissjoni kellha ssib it-triq tan-nofs bejn li tirrispondi għall-bżonnijiet urġenti ġodda li jixirfu bħala riżultat tal-kriżi, u l-bżonn kostanti biex issir ħidma fuq kwistjonijiet strutturali fejn dawk li jfasslu l-politika, l-investituri u ċ-ċittadini jserrħu fuq il-Kummissjoni biex hi tħares lil hinn mill-immedjat u tgħin fl-iffurmar ta' Ewropa prosperuża u sostenibbli għall-futur. Ħafna mill-inizattivi l-ġodda stipulati fl-annessi għal din is-CWP huma ffukati fuq din il-perspettiva għal

[1] Ara d-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2011 tat-28 ta' Settembru 2011. (http://ec.europa.eu/commission_2010-2014/president/state-union-2011/index_en.htm)

żmien fit-tul – se jżidu ma' jew se jgħinu sabiex jitwaqqaf il-qafas legali meħtieġ sabiex jittieħdu l-benefiċċji kollha mid-dimensjoni tal-UE fil-bini u l-kondiviżjoni tat-tkabbir sostenibbli, livelli għolja ta' impjieg u soċjetà ġusta madwar l-UE. Dan huwa l-għan ta' firxa wiesgħa ta' inizjattivi sabiex issir il-promozzjoni tal-kompetittività, jiġu indirizzati l-ispejjeż soċjali tal-kriżi, u l-irkupru jiġi misjuq lejn futur sostenibbli. Dan huwa wkoll l-objettiv ewlieni tal-politiki ta' nfiq tal-UE, permezz tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi ppreżentati mill-Kummissjoni li jwasslu sal-2020.

Għall-Kummissjoni, għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill se jkun neċessarju li jittieħed approċċ flessibbli fit-trattament ta' dawn l-inizjattivi. Urġenzi ġodda jistgħu jinbtu fix-xhur li ġejjin li ma setgħux jiġu previsti għal dan il-programm ta' ħidma. Il-ħtiġijiet wiesgħa tal-governanza ekonomika ġdida tal-UE għandhom bżonn ta' bosta ħin u attenzjoni mit-tliet istituzzjonijiet kollha u, kif diġà rajna, l-ippjanar ta' minn qabel u l-pass tan-negozjati jistgħu jkollhom jitwarrbu sabiex iħallu spazju għal deċiżjonijiet urġenti. Xi wħud mill-proposti stipulati fl-annessi huma ta' importanza partikolari u għandu jkollhom prijorità akbar – b'mod partikolari proposti li jista' jkollhom impatt malajr fuq it-tkabbir u l-impjiegi, u li jagħtu realment kontribut għall-irkupru. Il-Kummissjoni se tagħti enerġija u attenzjoni partikolari lil dawn il-proposti, imma sabiex jinħoloq l-impatt konkret mixtieq u fil-ħajja ta' kuljum tan-nies, hemm bżonn ukoll li jingħataw prijorità – rapida – mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Ministri. Il-kapaċità kollettiva tal-istituzzjonijiet biex juru li komunement bejniethom jifhmu fejn l-azzjoni hija l-aktar urġenti ħa tibgħat messaġġ qawwi dwar ir-riżoluzzjoni tal-UE biex tiġi indirizzata l-kriżi u terġa' ġġib it-tkabbir ekonomiku. Minħabba n-natura dinamika tal-avvenimenti, kwalunkwe lista ta' miżuri rapidi għandhom jinżammu taħt reviżjoni frekwenti. Il-proposti inizjali tal-Kummissjoni għal rotot rapidi se jakkumpanjaw l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2012.

## 2. IL-BINI TA' EWROPA TA' STABBILTÀ U TA' RESPONSABBILTÀ

L-aħħar ftit snin raw ir-riforma radikali tal-pajsaġġ ekonomiku tal-UE. Ewropa 2020[2] hija l-istrateġija ekonomika tal-Unjoni Ewropea. Hija tirrikonoxxi l-interdipendenza tal-Istati Membri tagħna u tistabbilixxi kif l-UE u l-livelli nazzjonali jistgħu jaħdmu flimkien biex iwettqu l-għanijiet miftiehma, u sabiex jerġgħu jwasslu lill-ekonomija għat-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol, waqt li jippreparaw is-sisien għal futur sostenibbli. L-Istati Membri kollha jngħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tagħhom sabiex jindirizzaw l-aktar sfidi urġenti tagħhom. It-tieni Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir se jistabbilixxi l-qafas għas-Semestru Ewropew għall-2012. Ir-riforma komprensiva tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni finanzjarja poġġiet lis-sistema finanzjarja tal-UE fuq sisien sodi. Bl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni li ttejjeb il-governanza ekonomika (l-hekk imsejħa s-"six pack"), l-UE kabbret u saħħet il-mekkaniżmi ta' sorveljanza tagħha fuq il-politiki nazzjonali. Għadd ta' Stati Membri huma suġġetti għal aktar sorveljanza taħt programm ta' aġġustament ekonomiku. Ġew żviluppati għodod ġodda sabiex jindirizzaw il-pressjoni bla preċedent fuq il-finanzi pubbliċi. Issa l-UE trid taġġixxi b'urġenza u b'determinazzjoni sabiex tpoġġi fuq quddiem r-riforma. Jeħtieġ li nuru li l-istituzzjonijiet kollha qed jaħdmu flimkien sabiex jitħaffu l-istadji prinċipali.

2 COM (2010) 2020, 03.03.2010

Ix-xahar li għadda l-Kummissjoni ħejjiet ħames stadji marbuta ma' xulxin fi pjan direzzjonali għall-istabbiltà u għat-tkabbir[3]. Dawn irrappreżentaw kemm tweġiba immedjata għall-problemi tal-Greċja u tas-settur bankarju sabiex terġa' tinbena l-fiduċja fiż-Żona tal-Euro, kif ukoll azzjoni li tantiċipa politiki li jżidu l-istabbiltà u t-tkabbir. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u tas-samit taż-Żona tal-Euro adottaw dawn il-proposti, u dawn se jibqgħu l-forza li tmexxi s-sura ta' xogħol tal-Kummissjoni fix-xhur li ġejjin.

Azzjoni mgħaġġla u deċiżiva hija meħtieġa sabiex din l-aġenda titmexxa 'l quddiem matul it-tnax-il xahar li ġejjin. Saż-żmien li l-Kummissjoni tippubblika l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2013, l-Unjoni Ewropea għandha tkun kapaċi tara l-effett tar-riformi li jkunu ġabu livell ġdid ta' kooperazzjoni u ta' sorveljanza bejn l-ekonomiji magħquda fiż-Żona tal-Euro u l-UE bħala entità sħiħa. Dan se jipprovdi l-bilanċ ġust bejn ir-restawr tal-finanzi pubbliċi u t-titjib fit-tkabbir mal-miżuri nazzjonali, u l-ħidma fuq il-livell tal-UE fuq l-inizjativi tal-Ewropa 2020 li għandha sseħħ id f'id biex jiġi mmassimizzat l-irkupru.

## 2.1. Riforma fis-settur finanzjarju. Investiment fil-kunfidenza

Settur finanzjarju li jaħdem sew huwa kruċjali sabiex jinħolqu t-tkabbir u l-impjiegi. Minn mindu faqqgħet il-kriżi, il-Kummissjoni nediet reviżjoni komprensiva tar-regolamentazzjoni u tas-superviżjoni finanzjarja. Il-parti l-kbira tal-inizjattivi ewlenin diġà ġew adottati jew ġew ippreżentati, inkluża l-leġiżlazzjoni proposta dwar id-derivati[4], l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu[5], ir-rekwiżiti kapitali[6] swieq ta' titoli aktar sodi u trasparenti kif ukoll il-ġlieda kontra l-abbuż tas-suq[7]. Valutazzjoni tal-impatt kumulattiv tar-riformi se tiġi wkoll ippubblikata.

L-UE għandu jkollha t-tir ċar li tlesti r-riforma sas-sena d-dieħla. Fix-xhur bikrin tal-2012, il-Kummissjoni se tipproponi l-bqija tal-leġiżlazzjoni filwaqt li tiffoka fuq il-protezzjoni tal-investituri. Reviżjoni tar-regoli li jirregolaw skemi kollettivi ta' investiment (UCITS) se timmira biex ittejjeb il-protezzjoni tal-investitur u ssaħħaħ is-suq intern. Il-protezzjoni tal-investitur u tat-trasparenza huma wkoll fil-qalba ta' inizjattiva dwar l-iżvelar prekuntrattwali għal prodotti kumplessi ta' investiment (PRIPs), kif ukoll dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni.

## 2.2. Il-finanzjament fil-futur: L-iżgurar tad-dħul pubbliku sostenibbli

L-aġenda tal-UE għat-Tkabbir hija l-kontribuzzjoni ċentrali li tista' tagħmel biex il-finanzi pubbliċi jirkupraw. Iżda filwaqt li t-tassazzjoni hija primarjament il-kompetenza tal-Istati Membri, l-azzjoni tal-UE tista' tgħin fix-xogħol tal-Istati Membri biex ikun żgurat li l-mudell soċjali Ewropew jista' jiġi ffinanzjat fil-futur. Fl-2011, il-Kummissjoni ressqet għadd ta' inizjattivi importanti biex tibbilanċja mill-ġdid il-kontribut tas-settur finanzjarju għall-finanzi pubbliċi (Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji)[8], biex tbiddel il-piż tat-taxxa mal-konsum tar-riżorsi (it-tassazzjoni fuq l-Enerġija)[9] u ttejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku (BKKTK)[10].

---

3 COM (2011) 669, 12.10.2011
4 COM (2010) 484, 11.09.2010
5 Regolament tal-UE Nru 513/2011, ĠU 2011 L 145/30, 31.05.2011
6 COM (2011) 452, 20.07.2011; COM (2011) 453, 20.07.2011
7 COM (2011) 656, 20.10.2011; COM (2011) 652, 20.10. 2011
8 COM (2011) 594, 28.09.2011
9 COM(2011) 168, 13.04.2011; COM (2011) 169, 13.04.2011

Fl-2012, il-Kummissjoni ser tressaq miżuri addizzjonali biex tiżgura s-sostenibbiltà u l-istabbiltà tal-finanzi pubbliċi. Il-Kummissjoni se taħdem fuq il-bini ta' sistema tal-VAT moderna, kapaċi li tiġġieled il-frodi u tnaqqas il-piż burokratiku għall-SMEs u għall-kumpaniji oħra li joperaw b'mod transkonfinali.

L-evażjoni tat-taxxa thedded id-dħul tal-gvern fl-Istati Membri kollha. L-evażjoni tat-taxxa tgħawweġ b'mod inġust l-ambjent kompetittiv kontra l-biċċa l-kbira taċ-ċittadini u n-negozji li jirrispettaw ir-regoli. Ser tiġi proposta strateġija msaħħa sabiex tgħin lill-Istati Membri jaffrontaw "ir-rifuġji fiskali" sabiex il-kontribuzzjoni tal-UE tkun tista' ttaffi it-telf potenzjali għat-Teżor pubbliku.

Fi żminijiet ta' awsterità baġitarja, il-protezzjoni tal-qligħ mill-kontribwenti tieħu importanza ġdida. Kull sena, ammonti sostanzjali jintilfu minħabba l-frodi u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw il-flejjes pubbliċi tal-UE. Il-Kummissjoni se tressaq proposta sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE bil-liġi kriminali.

Sabiex tirrispondi għall-isfidi li qed jiffaċċaw kumpanniji Ewropej minħabba l-kriżi ekonomika, il-Kummissjoni qed twettaq evalwazzjoni fil-fond dwar il-bżonn biex ir-Regolament dwar proċedimenti ta' falliment jiġi riformat. Mill-konklużjonijiet li se tiġbed, il-Kummissjoni se tiżviluppa opzjonijiet futuri għal aktar regoli tal-insolvenza transkonfinali effiċjenti, inklużi l-gruppi ta' kumpaniji.

## 3. Il-bini ta' Unjoni ta' tkabbir sostenibbli u Solidarjetà

It-trawwim mill-ġdid tat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tax-xogħol jirrikjedu azzjoni pożittiva f'livell ta' UE kif ukoll nazzjonali sabiex jiġu appoġġjati l-kompetittività u l-inklużjoni soċjali. It-twettiq se jeħtieġ żieda fil-momentum ta' azzjoni għall-promozzjoni ta' qafas ġust li jgħin lin-negozju joħloq impjiegi u jsib swieq ġodda. Dan diġà huwa tema ewlenija fil-proposti mressqa bħalissa għall-programmi ta' nfiq tal-UE. Il-ġenerazzjoni l-ġdida tal-politiki ta' koeżjoni[11] għandhom fil-mira l-impjiegi u t-tkabbir tal-futur. Orizzont 2020, il-programm ta' qafas li jmiss għar-riċerka u għall-innovazzjoni, se jmexxi l-bażi tal-għarfien tal-UE għat-tkabbir tal-kummerċ, filwaqt li se tkun fil-mira azzjoni fuq il-kompetittività, b'mod partikolari biex tappoġġja l-SMEs. Erasmus għal Kulħadd, il-programm il-ġdid dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ se jagħti spinta lill-immodernizzar tas-sistemi edukattivi fl-Ewropa. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa[12] tiggwida finanzjament lejn proġetti li l-aktar li jirrendu lill-ekonomija Ewropea u ssaħħaħ l-infranstruttura bħala għodda għat-tkabbir.

### 3.1. Suq Uniku għat-tkabbir

Is-Suq Uniku jibqa' l-aktar mezz importanti tagħna għat-tkabbir u għall-ħolqien tax-xogħol. Biex jilħaq il-potenzjal tiegħu, jeħtieġ li jrawwem l-aħjar ambjent għall-kummerċ – b'mod partikolari għall-impriżi żgħar - u għall-konsumaturi, sabiex jimplimenta bis-sħiħ ir-riformi li jippromwovu t-tkabbir sostenibbli, u biex ikun hemm infrastruttura effettiva u kompetittiva.

Din hija r-raġuni l-għala l-Kummissjoni nediet proċess ambizzjuż li jagħti momentum ġdid lis-Suq Uniku, l-Att dwar is-Suq Uniku[13]. Kunsiderazzjoni malajr tat-tnax-il proposta

[10] COM (2011) 121, 16/03/2011
[11] COM (2011) 607 – 612, 614 – 615, 6.10.2011
[12] COM (2011) 657, 665, 676, 19.10.2011
[13] COM (2011) 206, 13.04.2011

ewlenija tal-Att fil-proċess interistituzzjonali għandha tiżgura li l-benefiċċji jinħassu mill-aktar fis possibbli. Il-Kummissjoni ser tintensifika l-ħidma fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar fis-Suq Uniku fl-2012. Il-Kummissjoni se tipproponi inizjattivi biex tgħaqqad sistemi nazzjonali tar-riċerka u toħloq Żona Ewropea tar-Riċerka strutturata, mobbli u effiċjenti, ibbażata fuq kompetizzjoni akbar u kollaborazzjoni sabiex tiġi kkatalizzata x-xjenza eċċellenti u l-aqwa innovazzjoni. Se tfittex b'mod partikolari, li tiftaħ ir-reklutaġġ għal pożizzjonijiet universitarji ewlenin fil-kompetizzjoni pan-Ewropea. L-implimentazzjoni sħiħa ta' Ajru Uniku Ewropew mhux biss se ttemm l-ineffiċjenzi li jiswew madwar EUR 3,8 biljun fis-sena, din se tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO2, tqawwi s-sigurtà, u tnaqqas id-dewmien għall-passiġġieri. Filwaqt li disgħa minn kull għaxar impjiegi ġodda jiġu mis-settur tas-servizzi, u minkejja l-bosta opportunitajiet ta' kummerċ li dan joffri, id-Direttiva dwar is-Servizzi[14] għadha 'l bogħod milli tiġi implimentata bis-sħiħ u adegwatament. Il-Kummissjoni se tkun qed tħares ukoll lejn l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għal servizzi bażiċi ta' pagament, biex tivvaluta jekk hijiex meħtieġa azzjoni ulterjuri.

It-tkomplija tas-suq intern tal-enerġija sal-2014 se tkun lieva fundamentali oħra għat-tkabbir ekonomiku. Proposti ġodda dwar il-liberalizzazzjoni ferrovjarja se jgħinu ukoll biex jiġi mmodernizzat u ddekarbonizzat it-trasport Ewropew permezz ta' kompetizzjoni akbar, u joffri servizzi lill-passiġġieri, aktar innovattivi, ġodda u orjentati lejn il-klijent. Minħabba l-investimenti sinifikanti involuti sabiex naġġornaw is-sistemi tal-enerġija tagħna (EUR 1 triljun għall-perjodu 2011-2020[15]), is-settur tal-enerġija huwa fattur ieħor determinanti għat-tkabbir ekonomiku. Il-Kummissjoni se tieħu numru ta' inizjattivi f'dan ir-rigward bl-għan prinċipali jkun it-tlestija tas-suq intern sal-2014, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew.

L-Aġenda Diġitali[16] hi ċentrali sabiex l-ekonomija Ewropea jkollha l-kapaċità tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tat-teknoloġija moderna u tal-internet biex timbotta t-tkabbir. L-adozzjoni tas-servizzi elettroniċi hija kruċjali, u l-kummerċ elettroniku se jiġi mħeġġeġ b'mod attiv. Fl-2012 il-Kummissjoni se tipproponi inizjattiva dwar l-immaniġjar tad-drittijiet kollettivi fi ħdan id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Din ser tinkludi regoli dwar il-liċenzjar transkonfinali għall-mużika online sabiex tiffaċilita liċenzji multiterritorjali. B'mod parallel, inizjattiva li tiżgura r-rikonoxximent reċiproku tal-identifikazzjoni, tal-awtentikazzjoni u tal-firem elettroniċi se timmira biex tinbena l-fiduċja tal-konsumatur u tagħmel il-pagamenti online u t-tranżazzjonijiet elettroniċi eħfef.

Il-kunfidenza tal-konsumatur hija importanti biex tingħata spinta lid-domanda u jinġieb lura t-tkabbir. L-Aġenda Ewropea komprensiva dwar il-Konsumatur ser turi kif id-drittijiet tal-konsumatur, is-sikurezza tal-konsumatur jistgħu joffru pedament sikur lill-konsumaturi fis-Suq Uniku. Il-proposti għal regoli riveduti dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti se joffru approċċ ċar, koerenti kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-produtturi, u se jlaqqgħu flimkien diversi reġimi ta' sorveljanza f'approċċ uniku għas-Suq Uniku. U meta huwa meħtieġ rimedju għall-konsumaturi, regoli dwar ir-rimedju kollettiv se jistabbilixxu kif il-konsumaturi u n-negozji jistgħu jsibu soluzzjonijiet effettivi għal problemi fuq skala kbira.

---

[14] 2006/123/KE, 12.12.2006, ĠU 2006 L 376/36, 27.12.2006
[15] COM (2010) 677, 17.11.2010
[16] COM (2010) 245, 19.05.2010

### 3.2. L-involviment tal-persuni f'soċjetajiet inklussivi

Il-ħolqien tax-xogħol jibqa' waħda mill-ikbar sfidi għall-Ewropa llum, u l-UE tista' tagħmel kontribut importanti. L-inizjattivi tal-Ewropa 2020 dwar iż-Żgħażagħ Attivi[17], l-Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi[18], kif ukoll il-Pjattaforma kontra l-Faqar[19] enfasizzaw il-ħtieġa biex it-tiġdid Ewropew jiġi mmirat lejn dawk l-aktar fil-bżonn. Il-Fond Soċjali Ewropew ġdid[20] u l-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[21] se jappoġġjaw l-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-kriżi tal-impjiegi permezz tal-ħolqien ta' impjiegi u spinta lill-ħiliet ewlenin. "Erasmus għal Kulħadd" se jappoġġja sħubijiet strateġiċi bejn l-edukazzjoni għolja u n-negozju sabiex jiġi żgurat li l-istudenti żgħażagħ jakwiżixxu taħlita ta' ħiliet li s-suq tax-xogħol jeħtieġ. L-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi se jkollha impatt kbir fuq il-ħidma tal-UE sabiex tindirizza l-qgħad, l-esklużjoni soċjali u l-faqar.

Il-Kummissjoni dalwaqt se tistabbilixxi kif l-UE tista' tikkontribwixxi biex tindirizza l-pjaga tal-qgħad taż-żgħażagħ, inkluża azzjoni biex tippromwovi l-mobilità taż-żgħażagħ li qed ifittxu x-xogħol u tgħinhom biex jidentifikaw opportunitajiet transkonfinali. L-apprendistati jistgħu jkunu ukoll punt tad-dħul importanti fis-suq tax-xogħol. Din tista' tkun ta' valur partikolari permezz tal-isfruttament aħjar tas-setturi li probabbli l-aktar li jistgħu joħolqu l-impjiegi ta' għada.

Bl-involviment mill-qrib tal-imsieħba soċjali, il-Kummissjoni se tirrevedi wkoll il-prinċipji ta' flessigurtà u tniedi fażi ġdida għall-implimentazzjoni tagħhom, għat-trawwim ta' ħolqien tax-xogħol u l-mobilità, bħala mezz li jittaffi l-impatt tat-tnaqqis ekonomiku u li jkun lest jisfrutta l-irkupru meta jiġi. Dan huwa marbut mal-bżonn biex jiġu antiċipati u ġestiti aħjar ir-ristrutturazzjonijiet tal-kumpaniji. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni se tipproponi wkoll modi biex jiġi msaħħaħ s-servizz Pubbliku tal-Impjiegi, inkluża r-riforma tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (Eures) sabiex jitjieb l-aċċess għall-opportunitajiet ta' impjieg transkonfinali.

F'perspettiva aktar fit-tul, il-preservazzjoni tal-mudell soċjali tagħna jfisser ukoll li jkun żgurat li l-benefiċċji jistgħu jkunu ffinanzjati fil-futur, u f'dan ir-rigward, soċjetajiet li qed jixjieħu huma sfida enormi għall-politika pubblika, filwaqt li settur tal-kura tas-saħħa modern u innovattiv huwa mutur għat-tkabbir ekonomiku. Il-Kummissjoni ser issegwi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fil-qasam tal-pensjonijiet, u se tieħu inizjattivi f'oqsma ta' rilevanza transkonfinali. Fl-2012, dawn se jinkludu inizjattiva sabiex jissaħħaħ is-suq intern fil-prodotti tal-irtirar effiċjenti u sikuri. Il-Kummissjoni se tagħmel ukoll proposti li jindirizzaw id-drittijiet supplementari għall-pensjoni ta' persuni li jibdlu l-impjiegi, għax l-iffaċilitar tal-mobilità huwa essenzjali għall-impjiegi u l-ħolqien tax-xogħol.

### 3.3. Il-bini ta' triq għal futur sostenibbli

L-irkupru sostenibbli jeħtieġ li t-tkabbir u l-investiment huma mmirati lejn l-iktar setturi dinamiċi għall-futur. L-approċċ tal-Kummissjoni għal ekonomija effiċjenti fir-riżorsi[22] u ta'

17 COM (2010) 477, 15.09.2010
18 COM(2010) 682, 23.11.2010
19 COM (2010) 758, 16.12.2010
20 COM (2011) 607, 6.10.2011
21 COM(2011) 608, 6.10.2011
22 COM (2011) 571, 20.09.2011

livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju[23], li se tiġi integrata fil-politika ekonomika u fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, stabbilixxa kif it-tkabbir intelliġenti jeħtieġ li jiġi mmexxi sew, sabiex l-isfida ta' Ewropa sostenibbli tiddawwar f'vantaġġ kompetittiv għalina. Dan l-approċċ huwa mnaqqax fl-Ewropa 2020, u huwa dak li jimbotta l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' proposti għall-agrikoltura[24] u għall-iżvilupp rurali, [25] kif ukoll għas-sajd, sabiex tingħata bażi sostenibbli lil setturi kruċjali kemm għall-ambjent tagħna kif ukoll għall-ekonomija tagħna. Eżempju importanti dwar l-istinkar għall-effiċjenza tar-riżorsi f'oqsma ta' politika settorjali se jkunu l-proposti tal-2012 dwar l-iżgurar ta' aċċess għal ilma nadif u b'suffiċjenza: il-Kummissjoni se tadotta pjan t'azzjoni biex tissalvagwardja r-riżorsi tal-ilma, biex tiffoka l-politika pubblika billi tindirizza l-pressjonijiet li għandu l-ilma llum.

Is-sostenibilità hija wkoll fil-qalba tal-viżjoni tal-Kummissjoni fil-politika dwar l-enerġija. Biex jingħata eżempju, l-adozzjoni fi żmien qasir u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika[26] li ġiet proposta, tista' tgħin biex jiġu żblukkati benefiċċji li jiswew medja ta' EUR 1000 fis-sena għal kull dar fl-UE, bil-potenzjal li jinħolqu żewġ miljun impjieg kif ukoll jindirizzaw it-tibdil fil-klima. Proposta biex jitjieb il-qafas għas-sikurezza nukleari se tintegra tagħlimiet mit-testijiet tal-istress ta' impjanti tal-enerġija nukleari tal-UE, il-progress tekniku u l-żviluppi regolatorji internazzjonali. Il-Kummissjoni se tipprovdi wkoll strateġija biex taċċellera l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli fis-suq intern tal-UE u mal-ġirien fin-Nofsinhar tal-Mediterran. It-twettiq tal-adozzjoni tar-Regolament propost sabiex jiġu ffaċilitati investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija neċesssarja biex titħaffef l-integrazzjoni ta' sorsi rinnovabbli tal-enerġija se jkun sinjal importanti.

Matul l-2012 il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-għan ta' sforz globali ġenwin u komprensiv sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra . Il-Kummissjoni se tkompli tmexxi t-tranżizzjoni lejn is-Sistema tal-Iskambju tal-Emissjonijiet kif ukoll tiżviluppa miżuri ġodda u timplimenta dawk eżistenti, biex tilħaq il-miri tal-klima u l-enerġija. Ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-karozzi tal-passiġġieri u l-vannijiet se tixpruna l-innovazzjoni u se tagħti lill-manifatturi ċ-ċertezza regolatorja. Il-ħidma se tiffoka wkoll biex tiġi megħluba d-dipendenza tat-trasport fuq iż-żejt billi jiġi stimulat l-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-UE għall-fjuwils alternattivi.

Is-samit Rio+20 ta' Ġunju ser jitfa' lenti fuq l-isforz globali għas-sostenibbiltà u l-promozzjoni tat-tkabbir ekoloġiku. Il-politiki tal-UE se jkunu minn ta' quddiem f'dan l-isforz.

### 3.4. Ewropa miftuħa għaċ-ċittadini

Il-provvediment tas-sigurtà u tal-ġustizzja f'Ewropa mingħajr fruntieri interni hija waħda mill-ikbar prijoritajiet għall-UE illum. Il-libertà li jiġu esplorati opportunitajiet transkonfinali hija parti ċentrali mir-*raison d'être* tal-UE. Iżda biex din is-sistema taħdem, l-UE jeħtiġilha ssaħħaħ il-fiduċja reċiproka li s-sistema teħtieġ, u li tkun b'saħħitha u ġusta quddiem l-isfidi kbar hekk kif iffaċċjati fil-Mediterran din is-sena. L-UE għandha tissokkta bit-twettiq tal-Programm ta' Stokkolma[27], inkluż li ssib riżoluzzjoni dwar kwistjonijiet ewlenin bħall-ażil u li tindirizza sfidi ġodda bħaċ-ċibersigurtà.

---

[23] COM (2011) 112, 08.03.2011
[24] COM (2011) 628, 12.10.2011
[25] COM (2011) 627, 12.10.2011
[26] COM (2011) 370, 22.6.2011
[27] ĠU C 115/1, 04.05.2010

Is-Suq Uniku għaċ-ċittadini jrid jindirizza l-ostakoli burokratiċi inutli għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa. Żewġ proposti leġiżlattivi se jiffaċilitaw ir-rikonoxximent transkonfinali ta' dokumenti dwar l-istat ċivili kif ukoll se jissimplifikaw ir-rekwiżiti leġislattivi.

Ir-reġim tal-fruntiera tal-UE huwa parti ewlenija mill-Programm. L-immodernizzar u l-użu ta' teknoloġija ġdida jistgħu jiżguraw li s-sistema tinkuraġġixxi kemm l-attività transkonfinali kif ukoll tipprovdi s-salvagwardji meħtieġa. Il-ġenerazzjoni li jmiss ta' kontroll fuq il-fruntieri se jkunu aktar reżiljenti, filwaqt li jippermetti li vjaġġaturi frekwenti jidħlu aktar faċli fl-UE. Strateġija speċifika li tipprevjeni u tiġġieled it-traffikar tal-bnedmin se tiġi proposta.

## 4. L-GĦOTI TA' LEĦEN EFFETTIV LILL-UE FID-DINJA KOLLHA

UE magħquda tipprovdi l-aqwa pjattaforma għal UE effettiva fix-xena globali. L-UE hija l-akbar ekonomija tad-dinja. L-UE u l-Istati Membri tagħha jikkontribwixxu għal aktar minn nofs tal-għajnuna globali għall-iżvilupp u għall-għajnuna umanitarja. L-UE tirrappreżenta u tibqa' impenjata bi sħiħ lejn il-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija, ir-rispett għal-liġi internazzjonali, u l-ordni multilaterali effettiva. Meta l-UE taġixxi magħquda, l-influwenza tagħha hija sostanzjali. Sabiex tiffaċċja l-isfidi u taħtaf l-opportunitajiet miġjuba permezz tal-globalizzazzjoni, l-azzjoni tal-UE trid tkompli tissaħħaħ biex tħares u tippromwovi l-interessi u l-valuri tagħna, filwaqt li taħdem biex tittejjeb il-prosperità u s-sigurtà fid-dinja aktar wiesgħa.

L-azzjoni esterna tal-UE sseħħ fi ħdan il-qafas ipprovdut minn relazzjonijiet multilaterali, reġjonali u bilaterali, permezz ta' strutturi politiċi eżistenti bħall-politika tal-iżvilupp u tal-kummerċ, kif ukoll permezz ta' aspetti esterni tal-bosta politiki interni tal-UE. L-Unjoni se tkompli timplimenta dawn il-politiki filwaqt li tilqa' wkoll għall-isfidi tal-avvenimenti globali li jiżviluppaw malajr.

L-UE għandha tkun lesta biex tirreaġixxi għall-ambjent globali li dejjem qed jinbidel. L-UE rrispondiet malajr u b'mod deċiżiv għall-bidla drammatika fil-ġirien tan-Nofsinhar tal-Mediterran[28]. Ir-reazzjoni tal-UE kienet mibnija fuq tradizzjonijiet ta' governanza tajba, trasparenza u solidarjetà u offriet messaġġ politiku ċar u appoġġ prattiku immedjat ("aktar għal aktar"). L-għajnuna malajr ġiet magħrbula u organizzata mill-ġdid sabiex tkun żgurata l-koerenza mal-bżonnijiet u mal-prijoritajiet attwali. Il-programm ta' Sostenn għas-Sħubija, ir-Riforma u t-Tkabbir Inklussiv (SPRING) u l-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili kienu adottati f'dan il-kuntest. L-UE se tkompli tiffoka l-attenzjoni fuq il-viċinat tagħha, u toffri opportunitajiet għall-kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku sabiex trawwem stabbiltà u tkabbir. Il-Kummissjoni se tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-impenji meħuda fil-komunikazzjoni konġunta mar-Rappreżentant Għoli dwar l-approċċ ġdid għall-Politika Ewropea tal-Viċinat[29] li se jkollha rwol importanti fil-promozzjoni tal-iżvilupp paċifiku u prosperu fin-Nofsinhar tal-Mediterran u fil-viċinat tal-Lvant tagħha, se twettaq firxa sħiħa ta' politiki u ta' programmi tal-UE biex issostni t-tkabbir tal-istabbiltà ekonomika, soċjali u politika. Minbarra li se jingħata appoġġ lil dawk il-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran involuti fi proċess tad-demokratizzazzjoni, fl-2012 se tingħata wkoll prijorità lill-Pjan Direzzjonali ta' Sħubija tal-Lvant li ġie deċiż fis-Samit ta' Varsavja u lill-istabbiltà fil-Lvant Nofsani u l-Kawkażu.

[28] COM (2011) 200, 08.03.2011
[29] COM (2011) 303, 25.05.2011

L-UE qed tikkontribwixxi wkoll biex tippromwovi s-sigurtà fl-Afrika. U l-UE se tkun lesta biex tirreaġixxi fil-futur, kif għamlet reċentament quddiem id-diżastri naturali fit-Turkija, fil-Pakistan, u fil-Ġappun.

Biex tadatta ruħha għall-ambjent globali f'kambjament u tifforma l-ordni dinjija, jeħtieġ li l-UE tgħaqqad l-elementi esterni u interni tal-politiki tagħna. Il-kummerċ, l-iżvilupp, id-diplomazija, it-tkabbir, il-politika tal-viċinat u t-tweġiba għall-kriżi huma kollha politiki u strumenti li jiffurmaw is-sinsla tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. Dawn jistgħu jagħtu l-potenzjal sħiħ tagħhom meta jkunu mħaddma flimkien mal-politiki interni tagħna bħas-Suq Uniku, il-politika dwar il-klima, il-politika dwar l-enerġija u l-politika monetarja, li kollha kemm huma għandhom implikazzjonijiet kbar fid-dinja esterna.

Il-prosperità Ewropea tistrieħ fuq il-kompetittività globali. L-isforzi sabiex jerġa' jkun hemm it-tkabbir u l-impjiegi qed jitwettqu f'ambjent li huwa dejjem aktar interkonness u kompetittiv ħafna. Il-G20 kien lieva effettiva sabiex jippromwovi rispons globali koerenti għall-kriżi. Fl-aħħar laqgħa tal-G20 f'Cannes ġie konkluż li żieda fil-produzzjoni u l-produttività agrikola hija essenzjali sabiex tkun promossa s-sigurtà tal-ikel u jkun imrawwem tkabbir ekonomiku sostenibbli. Għalkemm l-objettiv ġenerali tal-politika tal-kummerċ tal-UE huwa l-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati multilaterali, l-interessi tan-negozji u tal-konsumaturi Ewropej jeħtieġu wkoll li jiġu promossi permezz ta' ftehimiet bilaterali ma' msieħba minn pajjiżi terzi. Għal dawn ir-raġunijiet qed tiġi esplorata l-possibbiltà ta' ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Ġappun kif ukoll ftehim ta' investiment maċ-Ċina.

Is-solidarjetà hija valur fundamentali Ewropew – u tinfirex lil hinn mill-fruntieri tagħna. Bħala l-ikbar donatur dinji tal-għajnuna għall-iżvilupp, l-UE ser ikollha rwol ewlieni fl-għajnuna tal-ifqar soċjetajiet tad-dinja, billi tikkonċentra l-isforzi tagħha u tiżgura t-twassil rapidu u effiċjenti tal-Politika tal-Iżvilupp riveduta[30] tal-UE, b'attenzjoni partikolari fuq l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Espressjoni tanġibbli ġdida tas-solidarjetà globali tal-UE huwa t-twaqqif ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja.

Matul l-2012 se jsir ukoll progress fl-implimentazzjoni tal-kunsens imġedded tal-Unjoni dwar it-tkabbir u l-preparazzjonijiet sabiex il-Kroazja tkun milqugħa bħala t-28 membru tal-familja tagħna. Matul l-2012 se tkompli l-ħidma li tippermetti li l-Kroazja tibbenefika bis-sħiħ minn u tissodisfa l-obbligi ta' sħubija.

## 5. REGOLAMENTAZZJONI INTELLIĠENTI U TWETTIQ EFFETTIV

Biex jitwettqu r-riformi stabbiliti f'dan il-programm, il-leġiżlazzjoni tal-UE trid taħdem tajjeb f'kull stadju. Mill-konċepiment sal-implimentazzjoni sal-evalwazzjoni u l-aġġornament, l-azzjoni tal-UE teħtieġ li tiġi ttestjata tul iċ-ċiklu sabiex tilħaq l-ogħla standards ta' kwalità u effettività u effiċjenza. Għandha tiżgura li l-piżijiet regolatorji huma ħfief kemm jista' jkun.

Id-dritt tal-inizjattiva tal-Kummissjoni u r-responsabbiltà tagħha bħala gwardjana tat-Trattat jagħtiha rwol partikolari fiż-żamma ta' dawn l-istandards għoljin. Kemm f'xogħolha, kif ukoll fil-monitoraġġ u fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni miftiehma, il-Kummissjoni hija determinata li tiżgura li ċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-awtoritajiet pubbliċi tal-UE, igawdu mill-benefiċċju ta' riforma.

[30] COM (2011) 637, 13.10.2011 u COM (2011) 638/2 13.10.2011

### 5.1. Infiq intelliġenti flimkien

Fi żminijiet ta' awsterità, għandna niżguraw li r-riżorsi limitati tagħna huma diretti fejn il-gwadann f'termini ta' impjiegi u tkabbir fil-ġejjieni huma l-akbar. Il-Kummissjoni pproponiet baġit modern mfassal biex jikkumplimentaw l-infiq nazzjonali, fejn hemm valur miżjud ċar mill-aġir fuq livell Ewropew. Se tkompli taħdem permezz tal-proċess tan-negozjati biex tiżgura li l-prinċipji ta' simplifikazzjoni, razzjonalizzazzjoni u l-valur miżjud se jinżammu fil-pakkett finali.

### 5.2. Regolamentazzjoni intelliġenti

L-irwol tal-Kummissjoni meta tipproponi regolament evolva sostanzjalment fis-snin riċenti, bit-tisħiħ tal-istudju tal-impatt bħala parti standard mill-ħidma tal-Kummissjoni. Matul l-2012 se jitwettaq pass importanti ieħor fl-estensjoni ta' żmien minimu għall-konsultazzjonijiet pubbliċi, minn 8 ġimgħat għal 12-il ġimgħa. Din ser tgħin biex jiġi żgurat li proposti tal-Kummissjoni huma bbażati sew fuq l-opinjonijiet tal-partijiet interessati, u li kulħadd kellu l-opportunità li jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-għażliet ewlenin tal-politika pubblika. It-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi huwa partikolarment rilevanti waqt żminijiet ekonomiċi diffiċli. Meta se ttemm il-programm għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fl-2012, il-Kummissjoni ser jirnexxilha taqbeż il-mira ta' tnaqqis ta' 25% billi se tippreżenta proposti li jissarfu fi tnaqqis ta' 31% u f'iffrankar ta' EUR 39 biljun. Minn din l-esperjenza, il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex iżomm il-piżijiet regolatorji għal dawk li huma strettament meħtieġ. Se tħares b'mod speċjali lejn l-impatt tar-regolamenti tal-UE fuq l-impriżi ż-żgħar u tipproponi, fejn relevanti, eżenzjonijiet jew soluzzjonijiet maħsubin apposta għall-mikrointrapriżi. Se tippreżenta wkoll l-ewwel riżultati tal-kontrolli regolatorji tagħha.

## 6. Konklużjoni

Il-Kummissjoni Ewropea hija determinata li tuża s-sena d-dieħla biex tagħmel dak kollu li hu fis-setgħa tagħha sabiex tindirizza l-kriżi ekonomika li qed tagħfas bil-kbir fuq l-Ewropej illum. Il-passi li qegħdin jittieħdu din il-ħarifa juru l-prijorità li l-Kummissjoni tagħti biex tippromwovi t-tkabbir u l-impjiegi. Din l-ogħla prijorità hija wkoll riflessa fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2012 li jiffoka wkoll fuq l-għanijiet fit-tul tal-UE. L-essenzjali huwa li tittieħed azzjoni fuq żmien qasir filwaqt li tinbena fuq żmien twil il-bażi għat-tkabbir sostenibbli u għall-impjiegi. It-twettiq taż-żewġ azzjonijiet fl-istess ħin se jgħin lill-UE issib ħruġ mill-kriżi li se jħalliha aktar b'saħħitha, aktar kapaċi tiffaċċja d-domandi tal-kompetizzjoni globali, aktar kapaċi tisfrutta s-sorsi tat-tkabbir għall-ġejjieni u twassal b'suċċess ekonomija soċjali tas-suq.

L-UE tista' tibni fuq sisien qawwija. Hija l-ikbar blokk kummerċjali dinji, tipproduċi terz tar-riżultat globali, u għandha tradizzjoni ta' innovazzjoni soċjali u teknoloġika li dwarha hija kburija. Għandha valuri komuni u storja li jorbtuna f'kooperazzjoni. Għandha istituzzjonijiet li għandhom l-istess viżjoni ċara dwar kif għandha tinbena Ewropa prosperuża u sostenibbli, hi għandha l-approċċ diġà ppruvat tal-metodu Komunitarju, u għandha l-flessibilità meħtieġa biex twieġeb għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu. Bir-rieda politika li tgħaddi mill-intenzjoni għall-azzjoni, u b'mira ffukata fuq l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet riċenti, l-UE tista' turi li fit-tmun kapaċi treġġa' lura r-riskju tar-riċessjoni u twettaq tiġdid Ewropew.